MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1067/2010/1

**Wara l-mandat ta’ Sekwestru Nru 1428/2010**
**fl-ismijiet:-**

**Valerio Schembri**

**v.**

**Alfred Grech**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’rikors guramentatipprezentat quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Ottubru, 2010 is-sekwestrat Alfred Grech ippremetta:-

Illi huwa ghadu kemm sar jaf li s-sekwestrant, Valerio Schembri A.I.C. ghogbu johrog il-mandat ta’ sekwestru fuq indikat kontra tieghu. Illi dan il-mandat inhareg in segwitu ghall-ittra ufficjali li ntbghatet lill-esponenti fit-28 ta’ Settembru 2010, liema ittra ufficjali huwa wiegeb li mhux dovut ihallas id-dritt tal-espert tal-appell mit-Tribunal tal-Konsumatur kontra Stephen Camilleri, MASC, liema appell kien gie istitwit mill-istess Stephen Camilleri. Illi spjega l-esponenti f’din l-ittra li huwa kien appellat f’dik il-kawza, waqt li l-appellant kien Stephen Camilleri u kien huwa li kien dovut ihallas mhux l-esponenti appellat. Illi ghal din ir-raguni u ohrajn l-esponenti qed jopponi ghal hrug ta’ dan il-mandat u dan minhabba dawn ir-ragunijiet. Ir-rikorrent, apparti dawn ir-ragunijiet irrileva wkoll li l-mandat odjern qatt ma messu gie prezentat quddiem din l-Onorabbli Qorti imma fil-Qorti tal-Magistrati, raguni ohra ghaliex dan il-mandat ghandu jigi mizmum. Minhabba dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent talab lil dik il-Qorti sabiex izzomm l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta’ Sekwestru 1428/2010 u dan ghar-ragunijiet hemm moghtija u taht kull provvediment li jidhrilha xieraq.

B’risposta intavolata fit-3 ta’ Dicembru, 2010 il-Perit Valerio Schembri talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, it-talba tas-sekwestrat kif dedotta fir-rikors promotur tigi michuda bl-ispejjez.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fl-14 ta’ Lulju, 2011 meta cahdet it-talba tar-rikorrenti u ddeklinat milli zzomm l-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ sekwestru msemmi u dan bl-ispejjez kontra r-rikorrent. Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Rat illi ir-rikors odjern gie intavolat wara illi ir-rikorrenti odjern giet notifikat b’mandat ta’ sekwestru ezekuttiv

mahrug wara rikors ta’ Valerio Schembri illi talab bhala sorte disa mija erbgha u hamsin ewro tnejn u disghin centezmu (€954.92) u bhala imghax is-somma ta’ is-somma ta’ sebgha u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€77.87), imghax komputat mis-6 ta’ Ottubru 2009, id-data tal-hrug tad-dritt illi kellu jithallas lill-perit tekniku mill-Qorti tal-Appell sad-data meta gieipprezentat il-Mandat u cioe’ l-14 ta’ Ottubru 2010.

“Illi dan il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv inhareg mill-Qorti fuq id-dritt illi kellu jithallas lill-perit tekniku, l-intimat odjern, mahrug mill-Qorti tal-Appell ghar-rapport li sar waqt il-kawza bin-numru 8/2008 PS, liema kreditu gie res ezekuttiv bis-sahha ta’ ittra mibghuta ghall-finijiet ta’ dak stipulat fl-Artikolu 256 (2) et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi l-Qorti rat id-dritt intaxxat tal-Perit Tekniku Valerio Schembri li jinsab esebit a fol. 37 tal-process u illi huwa mahrug mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Ottubru 2009 fejn Alfred Grech bhala appellat gie mitlub ihallas id-dritt tal-perit tekniku ghar-rapport li sar fl-appell numru 8/08 PS u d-dritt tal-perit gie intaxxat fl-ammont ta’ disa mija erbgha u hamsin ewro tnejn u disghin centezmu (€954.92).

“Illi l-Qorti rat ukoll ittra tal-avukat difensur tar-rikorrenti odjern fejn talab lill-Perit Valerio Schembri sabiex ifittex jaqdi l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti tal-Appell sabiex jispezzjona il-bjut tal-fondi Madonnina Triq l-Imdina Haz-Zebbug u il-fond numru 8, Our Dream, Triq is-Swieqi, is-Siggiewi kemm jista jkun malajr sabiex ikunu jistghu isiru xogholijiet ta’ tiswija fuq ix-xoghol ezegwit ta’ water proofing fuq l-imsemmija bjut.

“Illi l-Qorti rat ukoll il-verbali tal-Qorti tal-Appell fis-sens illi l-kawza giet differita diversi drabi sabiex jithallas l-onorarju tal-perit tekniku u wara illi dan baqa ma sarx l-appell gie differit Sine Die.

“Illi l-Qorti rat ukoll l-inkartament tal-Appell Nru 8/08 fl-ismijiet Alfred Grech et vs Stephen Camilleri MASC illi

jinsab allegat ma dawn l-atti u illi gie differit Sine Die fid-9 ta' April 2010.

"Illi l-Qorti rat illi effettivament kien ir-rikorrenti odjern illi kellu jhallas id-drittijiet tal-perit tekniku, l-intimat Valerio Schembri u dan jirrizulta kemm mir-rikors esebit a fol. 18 tal-process illi jixhed illi kien l-istess rikorrenti illi talab lill-Qorti ghall-hatra ta' perit tekniku, kemm mit-taxxa esebita a fol. 38 tal-process illi tghid illi d-dritt tal-perit ghandu jithallas mill-appellat, kif ukoll mill-process allegat fejn jidher car illi l-appellati huma Alfred u Carmen Grech u dan jirrizulta minn fol. 4 tal-process allegat tal-kawza fl-ismijiet Alfred Grech et vs Stephen Camilleri MASC, liema kaz gie differit Sine Die fid-9 ta' April 2010 u sussegwentement gie desert fil-11 ta' Ottubru 2010."

**L-appell tar-rikorrent Alfred Grech.**

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ipprezentat fid-19 ta' Lulju, 2011 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tibdilha billi waqt li tichad ir-risposta tal-intimat tilqa' t-talba tar-rikorrenti appellant u zzomm l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru 1428/2010 bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' dan l-appell, kontra l-intimat appellat.

**L-aggravji tal-appellant.**

L-appellant ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata fejn qed isostni li (1) l-ewwel qorti naqset li tikkonsidra l-oggezzjoni sollevata minnu fl-ahhar paragrafu tar-rikors promotur u (2) li dik il-qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Illi din il-Qorti tirrileva li dan l-appell huwa identiku kemm fis-sustanza kif ukoll fl-aggravji mressqa ghall-appell fil-kawza Rikors numru 1068/2010 fil-kawza fl-ismijiet **Valerio Schembri v. Mario Scerri** li qed tigi deciza llum stess. Ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni qed issir

referenza ghal konkluzjonijet raggunti minn din il-Qorti fl-imsemmija sentenza li, ghal finijiet ta' carezza, qed jigu riportati hawn taht:-

''***Ikkunsidrat:***

*"Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti li l-ewwel qorti ma kkunsidratx l-oggezzjoni sollevata minnu fir-rikors promotur fejn kien gie rilevat li l-mandat odjern qatt ma messu gie prezentat quddiem din il-Qorti imma fil-qorti tal-Magistrati w ghal din ir-raguni wkoll l-mandat ghandu jinzamm.*

*"Fir-rikors tal-appell l-appellant kompla jispjega li l-Qorti tal-Magistrati hija l-Qorti kompetenti biex "tinforza is-sentenzi tat-Tribunal tal-Konsumatur". Din il-Qorti pero` tosserva li fil-kaz in ezami hadd ma hu qed jipprova jenforza sentenza tat-Tribunal tal-Konsumatur. Li gara kien li fil-proceduri tal-appell mis-sentenza ta' dak it-tribunal kien inhatar bhala espert tekniku l-intimat il-Perit Valerio Schembri. Hu espleta l-inkarigu tieghu biss qatt ma thallas u ghalhekk a tenur tal-artikolu 256(2) huwa pproceda biex jezegwixxi t-titolu "ezekuttiv" tieghu li hu sancit mill-artikolu 253(c) u bazat fuq il-paragrafi 16 sa 19 tat-Tariffa K tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, billi b'att gudizzjarju sejjah lir-rikorrent biex jhallas. Ghalhekk naraw li it-titolu li jivvanta l-intimat il-Perit Schembri ma jirrizultax mit-Tribunal tal-Konsumatur izda pjuttost mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u dan it-titolu, skond l-artikolu 265 tal-Kap 12 ghandu jigi ezegwit minn Qorti tal-ewwel grad li hija l-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u ghalhekk sejjer jigi michud.*

***"Ikkunsidrat:***

*"Fit-tieni lok l-appellant jsostni li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta cahdet it-talba tieghu fuq il-premessa li kien huwa li talab il-hatra ta' perit tekniku fli stadju tal-appell u li dan kien jinsisti mal-perit biex jespleta l-inkarigu tieghu.*

*"Dwar dan din il-Qorti tosserva li skond l-artikolu 644 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-hatra ta' perit fil-proceduri tigi ordnata jew fuq talba ta' wahda mill-partijiet inkella mill-qorti minn jeddha. Naturalment meta din il-hatra ssir fuq talba ta' parti, dik il-parti tkun tenuta li, ghal anqas provvizorjament, thallas l-ispejjez tal-espert hekk mahtur. Meta dik il-hatra ssir fuq ordna tal-qorti minn jedda, huwa mistenni li dik il-Qorti, fid-digriet tal-hatra, tiddikjara min mill-partijiet ghandu jhallas l-ispejjez provvizorjament.*

*"Fil-kaz in ezami jidher li l-hatra tal-espert tekniku saret in segwitu ghall-rikors intavolat mir-rikorrent odjern fil-proceduri fil-kawza "Avviz Nru CCT 274/07 Mario Scerri vs Stephen Camilleri". Din il-qorti pero` tosserva li f'dak ir-rikors l-appellat f'dawk il-proceduri Mario Scerri donnu l-ewwel jittituba dwar jekk ghandux jitlob il-hatra ta' espert billi fil-premessi jghid li:- "jekk dina l-Qorti ser <u>tappunat espert taghha</u> biex jezamina l-"waterproofing" qabel it-tiswijiet mehtiega, jehtieg li dana jigi mqabbad jezamina l-bejt illum qabel ghadha". Hawn donnu ir-rikorrent Scerri qed jpoggi l-kwistjoni ghad-diskrezzjoni tal-Qorti, u sa hawn forsi wiehed jista' jaghtih raguni f'dak li qed jigi sottomess fir-rikors tal-appell. Izda t-talba maghmula fl-imsemmi rikors (fol 15 tal-process) tghid hekk: "Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li l-Onorabbli Qorti <u>tahtar</u>, jekk jidhrilha xieraq, espert tekniku issa biex jezamina l-bejt qabel ma jsiru t-tiswijiet mehtiega." Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) rinfaccjata b'talba simili ma kellha ebda titubanzi dwar il-fatt li Mario Scerri kien qed jitlob il-hatra ta' espert tekniku, tant hu hekk li id-digriet huwa wiehed specifiku billi dik il-Qorti appuntat lill-A.I.C. Valerio Schembri "bhala espert tekniku <u>limitatament</u> ghall-iskop imsemmi fir-rikors". B'dan il-mod dik il-Qorti kienet qed takkolji t-talba ta' Mario Scerri in vista tal-problemi li jissemmew fir-rikors in kwistjoni.*

*"Din il-Qorti ghalhekk, minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma ndikatx minn kellu jbati l-ispejjez tal-espert, ma ghandha ebda ezitazzjoni tghid li dak li hemm miktub fl-avviz ghall-hlas tad-drittijiet tal-espert (Dok a fol 10) fis-sens li dawn kellhom jithallsu mill-appellat (Mario Scerri) kellu mis-sewwa. Inoltre jidher li meta l-istess*

*Mario Scerri gie notifikat bl-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru 2010 (Fol 25) huwa ma istitwixxa ebda proceduri biex jikkontesta l-allegat titolu ezekuttiv. Ghalhekk illum ma jistax jitlob li jinzamm il-mandat billi dan sehh validament in ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv.*

*"Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat."*

Ghall-istess ragunijiet dan l-appell qed jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------